In conclusion it must be said that whilst a lot of initiative in crime prevention has come from Great Britain, many other enterprises and ideas have emanated from other parts of the world. Each is of equal importance, for each is working towards the same goal, irrespective of international boundaries. It is vital that the community as a whole is made aware of the need to co-operate with the police and other crime prevention agencies in their everlasting struggle against crimes of every type. If the whole community could be motivated towards an active preventive role, the battle against crime could become a very postive phenomenon. The fact that their joint efforts had prevented a crime happening, or reduced the incidence of crime in a locality, would surely encourage more earnest endeavours by the populace to capitalise upon that success.

In this field, as in any other, success breeds success and any success, however small, proves that prevention is better than cure. These words are particularly apt in the world of crime.

**End of Article.**

KITY WOODWORKING MACHINES



**Micallef & Zammit Limited,**
31 Old Bakery Street, Valletta
Tel: 606527, 624560, 625149

**THE TOOLBOX**
Gzira
171, The Strand, Tel: 512435

---

The New Telltimers.

CITIZEN QUARTZ
MULTI ALARM




CQ

CITIZEN

## Taħriġ dwar l-abbuż tad-drogi

MATUL ix-xhur ta' Jannar u Frar ta' din is-sena erba' membri tal-Korp tal-Pulizija attendew kors ta' taħriġ fl-abbuż tad-drogi fil-Kwartieri Ġenerali tar-Royal Hong Kong Police, Hong Kong. Matul dan il-kors, l-Ispetturi L. Borg u J. Azzopardi flimkien mas-Surġent Gatt u l-Kuntistabbli G. Walker tal-Iskwadra tal-Vizzji ġew imħarġa fil-metodi wżati fil-każijiet ta' abbużi ta' drogi. Il-Pulizija Maltin żgħaru diversi postijiet matul it-taħriġ tagħhom fosthom il-Ħabs ta' Tailam.

Barra mit-taħriġ mal-Pulizija ta' Hong Kong, il-Pulizija Maltin kellhom ukoll taħriġ mad-Dipartimenti tad-Dwana u tal-Ħabs ta' Tailam.

Fir-ritratt jidher id-Direttur tal-Ħabs ta' Tailam, Yang Tadoon (xellug) flimkien ma' l-ispettur J. Azzopardi (it-tieni mix-xellug) u s-Surġent J. Gatt (lemin). Dan ir-ritratt deher f'waħda mil-gazzetti ta' Hong Kong.



## DOMINE DIRIGE NOS

### RIFLESSJONI GHAL KULL XAHAR

Min Hu Kristu Għalija?
Huwa l-iben dejjem
maghqud
Ħaġa waħda ma' Missieru
u li jrid jgħaqqad lili
Magħhom.

## MUTUAL HELP ASSOCIATION

☐ Il-kontribuzzjonijiet tal-M.H.A. għax-xahar ta' April kienu għall-familji tal-imsemmija ex-membri tal-Korp:



Ex-Surgent Nru 78 Saviour Vella.



Ex-Surgent Nru 505 Saviour Debono.

Ħdimna magħhom f'ħajjithom — ma ninsewhomx wara mewthom.

*Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.*

## ATT TA' MIN IFAHHRU

FIT-3 ta' Marzu, 1979, Domenic Desira, player li kien qed jilgħab fil-ground ta' l-Universita' l-Ġdida ħassu ħażin u ftit ħin wara miet. Dan il-player ġie mogħti l-'artificial respiration' minn Kuntistabbli 500 Lawrence Mallia iżda kien kollu ta' xejn. Madankollu ta' min ifaħħar il-mod ta' kif dan il-pulizija pprova jsalva l-ħajja ta' dan il-player.

Din l-ittra ġiet mibgħuta lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-President u l-Kaxxier tal-Valletta ARROWS A.F.C.:

Sinjur,

Ref: Domenic Desira — Player li miet fit-3 ta' Marzu fil-New University Ground, Msida.

Aħna hawn taħt iffirmati, fil-kariġi ta' President u Kaxxier tat-team Valletta Arrows, nixtiequ li twassal ir-ringrazzjament tal-Kumitat, players u supporters, lill-P.C. 500 L. Mallia li kien 'duty' fil-ground ta' New University, Msida, għas-sens kbir ta' ħeġġa u għajnuna li wera biex jipprova jsalva l-ħajja ta' l-imsemmi player.



**Il-Kuntistabbli L. MALLIA**

# PROTECT AGAINST FIRE AND BURGLARY WITH A CHUBB SAFE




The famous firm of Chubb have manufactured this safe especially for the smaller office or business. The Chubb Commerce Quality Safe resists burglars and fire too. It offers strong protection against attack by explosives and drill, and is competely surrounded by Chubb fire-resisting material, tested and approved by independent authorities. For a reasonable price the security of a Chubb Safe can be yours. Come and see the Chubb Commerce Quality Safe.

(Possibly a Chubb Wall Safe will serve your needs. Why not come and see that too?)

## PHILIP TOLEDO LTD

NOTABILE ROAD
MRIEHEL – MALTA
TELEPHONE: 44747–45566
CABLES: MEDIA–MALTA

Please send me your Free details about Chubb Safes

Name ______________________

Address ______________________

______________________






# TOMBOY

## Chocolate Cream Liqueur

You have to try it to acquire

its unique, exciting, sophisticated

modern taste.

GAMBAROTTA

Representatives: TESSONS LTD. - 75 Liesse Hill, Valletta. Tel: 624672 - 21996

# IX-XOGHOL TAL-PULIZIJA

**Minn Patri Felicjan Bilocca**

KIF rajna fl-ewwel artiklu ta' din is-serie, (Diċembru 1978), il-Pulizija għandu importanza speċjali. Mhux xogħol kwalunkwe mhux xogħol ordinarju li wieħed jagħmel bħala Pulizija. Biżżejjed ngħidu li l-Pulizija huwa l-GHASSIES TA' L-ORDNI PUBBLIKU; il-bniedem, jiġifieri, li jgħasses biex jara jekk iċ-ċittadini jkunux qegħdin josservaw il-liġijiet li l-Gvern ikun għamel, biex bihom imexxihom ilkoll għall-ġid tal-komunita' kollha.

Biżżejjed inżidu ngħidu li ċ-ċittadin ma jgawdix id-drittijiet personali u ċivili tiegħu, drittijiet li jippruvawh bħala persuna umana, jekk huwa ma jkunx imħares mill-Pulizija, biex ħadd ma jfixklu fl-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet.

Biżżejjed inkomplu ngħidu li "l-proprjetarji ħoxnin", jiġifieri dawk iċ-ċittadini li jippossjedu somom ta' flus kbar, jew kapitali ta' teżori jew fabbriki, lokalitajiet industrijali u produttivi, jorqdu moħħhom mistrieħ mill-proprjeta' tagħhom, "għax hemm il-Pulizija", hemm min "jgħassisli ħalli l-proprjeta' tiegħi tibqa' sħiħa u tibqa trendi anki għall-ġid ta' l-oħrajn."

Biżżejjed nispiċċaw ngħidu li l-ġenituri ta' tfal żgħar u żgħażagħ iħallu l-uliedhom barra mid-dar moħħhom mistrieħ, "għax hemm il-Pulizija", u allura "uliedi mgħassa tajjeb u mhu se jiġrilhom xejn ħażin speċjali."

Daqstant huwa mportanti l-Pulizija.

Iżda min ikun Pulizija jrid iħallas għaliha din l-importanza, u jħallas għaliha ftit u xejn qares, taħt ċerti aspetti. Din hija ħaġa naturali. Iżjed ma inti ta' valur, iżjed inti prezzjuż; iżjed ma inti prezzjuż, iżjed oħrajn moħħhom fik. Gia hawnhekk inti glorjuż u dololuż fik innifsek u għalik innifsek. Għaliex la kulħadd moħħu fik, inti għandek biex tkun sodisfatt, għax apprezzat mill-onesta li għalihom inti anġlu kustodju, sejf u tarka; iżda disprezzat u (!) odjat mid-diżonesti, mill-kriminali, mid-delinkwenti, mill-għammiela ta' kull ħażen, li jsibu fik xabla ta' ġustizzja li taqtalhom l-ingases ħżiena li bihom ikunu se jistagħdu lill-onesti u lill-innoċenti.

Bħala Pulizija, min għalhekk allaħares ma jarakx fit-toroq u wara biebu, biex iserraħ moħħu, iżda min allaħares jilmħek imqar ftit viċin tiegħu, għax jarak demonju li tisfrattalu l-pjani djaboliċi tiegħu. Għal min inti anġlu tas-sema, iżda wkoll għal min inti anġlu ta' l-infern. Min hu favur tiegħek, min hu kontra tiegħek. Min iħobbok, iżda wkoll min jobgħodok.

Tant dan huwa veru, li, bħala regola, ħafna jsibuha diffiċli biex jagħmlu ħbieb tassew, ħbieb intimi ma' Pulizija, għaleix jaraw fih il-bniedem speċjali superjuri għall-kwalita' ordinarja tagħhom. Ħafna drabi dan jiġi mix-xbiha kera li ġenituri jagħtu lill-uliedhom fuq il-Pulizija: ibeżżgħuhom bih bħala żbirr, bħala xi manigold, bħala bniedem kiefer, lest biex jittortura lill-innoċenti; u xbihat ħżiena oħra bħal dawn li mħabba fihom it-tfal jitilgħu jibżgħu mill-Pulizija, flok iħobbuh bħala "anġlu kustodju" li huwa lest biex iħarishom.

Aħna hawnhekk nagħmlu appell lill-ġenituri biex jaqtgħuha darba għal dejjem id-drawwa li jbeżżgħu lill-uliedhom żgħar bil-Pulizija: għandhom, għall-kuntrarju, idarruhom iħobbuhom u jafdaw fihom, bħala dawk li qegħdin apposta biex iħarsuhom fl-innoċenza tagħhom.

Mill-banda l-oħra nappellaw lil kull Pulizija, li jġib ruħu mill-aħjar li jista', speċjalment maż-żgħar u ma' l-innoċenti, biex dawn iżommu dejjem idea tajba tiegħu, japprezzawh, jistmawh u jafdaw fih, lesti anzi biex meta jikbru, jikkoperaw miegħu f'każi ta' bżonn.

Iżda fl-importanza speċjali tal-Pulizija, jiena nara li biex wieħed jirnexxi tassew bħala Pulizija, irid ikollu vokazzjoni apposta għal dan l-istat. Huwa veru li kull sengħa u professjoni għandha l-vokazzjoni għaliha: għaliex jekk wieħed ma jkunx "imsejjaħ", jiġifieri "dispost minnu nnifsu", "imħajjar minnu nnifsu" għal dik is-sengħa, għal dik il-professjoni, huwa ma jeżerċitahiex sewwa, għax anqas jitgħallimha sewwa: irid iħossu 'vokat, "imħajjar", dispost apposta għaliha, biex jeżerċitaha sewwa u jagħmel fiha suċċess.

Dan ngħiduh b'mod iżjed speċjali għal dawk l-istati li għandhom importanza iżjed speċjali minn stati oħra: hekk huma ż-żwieġ, is-saċerdoti u l-PULIZIJA, tlett ministeri, servizzi, aperti u pubbliċi direttament u effikaċement għall-ġid komuni. Dan narawh mill-fatti: artiġjan, professjonista bla VERA VOKAZZJONI, ftit jew wisq jgħaddiha, mqarr jekk jaħdem bilfors: iżda miżżewweġ, saċerdot, Pulizija BLA VOKAZZJONI LI JAHDEM BILFORS, HUWA FJASK li, aktarx, iżjed iservi ta' ħsara milli ta' ġid.

Meta tkun vokat tassew għall-Pulizija? Meta:—

1) Tħobb 'l Alla u taċċetta li tgħinu fil-ħarsien tal-buon ordni fil-ħolqien tiegħu, kemm jekk iħobbuk u kemm jekk jobgħoduk bnedmin oħrajn.

2) Meta inti, la tħobb tassew 'l Alla, tħobb ukoll il-liġijiet Tiegħu u l-liġijiet imfassla mill-Gvernijiet fuq dawk Tiegħu: timpenja ruħek li trid tarahom osservati, għax taf li dawn il-liġijiet iwasslu l-bniedem biex igawdi d-drittijiet u l-ġid tiegħu.

3) Meta, sforz l-imħabba li għandek lejn il-liġijiet tajba, mibnija fuq dawk t'Alla, inti tnissel u trawwem fik sens ta' ġustizzja, lest dejjem, biex bla parzjalita' tagħti lil kulħadd dak li hu tiegħu u żżomm lil kulħadd jaqdi d-dmirijiet tiegħu, biex kulħadd joqgħod f'postu.

4) Meta teħodha bis-serjeta' li trid tkun ANĠLU KUSTODJU GHALL-INNOĊENTI U GHALL-ONESTI U GHASSIES IEBES U SOD TAL-HAŻIN, BIEX KEMM JISTA' JKUN MA JIRNEXXILUX IXERRED IL-HAŻEN TIEGHU.

Pulizija b'dawn l-ideat u sentimenti, INSELLIMLEK.

For the housewife
who knows
what's best
for her............ **APLAN** offer the widest selection ever of

# Siemens



TELEVISIONS



WASHING MACHINES



FRIDGE/FREEZERS

HI-FI THREE-IN-ONE MUSIC CENTER, RADIO CASSETTE RECORDERS AND OTHER HOUSEHOLD APPLIANCES
made in West Germany

At APLAN you get a guarantee of quality and value plus the benefit of efficient after-sales service.

MSIDA SEAFRONT
MSIDA. Tel. 38434/36556

ST. PAUL STREET
COSPICUA. Tel. 824535

TESTAFERRATA STREET
MSIDA. Tel. 38434/36556

# Lyons Maid



A salute
to your success
from
Lyons Maid ice cream




## IL-GZEJJER MALTIN

WARA li fl-ewwel parti rajna kif oriġinaw l-ismijiet tal-Gżejjer tagħna, dwar id-daqs tagħhom u xi tagħrif ieħor, illum nagħtu ħarsa lejn il-forma tal-Gżejjer Maltin qabel ħadu s-sura li għandhom illum u dwar l-oriġini proprju tagħhom.

Bejn 8,000 u 10,000 sena qabel Kristu, Malta kienet għadha ma hijiex Gżira kif nafuha llum iżda quċċata ta' muntanja, waħda minn ħafna li kienu jinfirxu matul l-Italja, Sqallija u Malta, u jibqgħu sejrin sa l-Afrika. Dawn kienu maqgħuda bi "bridges" ta' art, bil-Mediterran ikun maqsum fi tlett jew erba' għadajjar imdawwra bil-muntanji għolja ta' l-Ewropa ta' Isfel u l-Afrika ta' Fuq. Matul iż-żmien, dawn il-"land bridges" ċedew u ġew fix-xejn b'ċaqliq ta' l-art u probabbli li l-art li fuqgħa ngħixu llum hija parti minn waħda minn dawn il-bċejjeċ li ma għerqux. B'dan l-evolviment il-Gżejjer Maltin sabu ruħhom f'nofs il-Mediterran. Dan ta' hawn fuq jissaħħaħ bis-sejba fil-Gżejjer tagħna ta' numru kbir ta' fossili ta' annimali bħal orsijiet, ċriev u volpi li jgħixu fl-Ewropa u ta' iljunfanti u hippopotami li jgħixu fl-Afrika. Barra minn dan, Wied il-Għasel u Wied il-Kbir juru li żmien twil ilu, l-art tagħna kellha xmajjar importanti. Fil-partijiet muntanjużi ta' Binġemma, il-Palazz ta' Verdala u l-Minsija għadhom jidhru sinjali ta' kanali wżati minn sistema ta' karettuni li jidhru li huma ta' żmien Neolitiku jew żmien il-Ġebel u jidhru li l-ewwel nies li għexu f'Malta kienu ta' dan iż-żmien. Nies li kienu primittivi, jgħixu fl-għerien bħal ma juri Għar Dalam, li għalkemm jidher li kien aktar bħala kenn għall-annimali, minħabba l-fdalijiet li nstabu, jaħsbu li aktar tard kien ukoll ta' kenn għan-nies ta' dak iż-żmien. Malmedda tas-snin, dawn in-nies bdew jimproviżaw bl-użu tal-ġebla u ż-żnied u anke bdew jibnu tempji bħal Haġar Qim, Mnajdra u Hal Saflieni f'Malta u l-Ġgantija f'Għawdex. Dawn in-nies prehistoriċi ħallew anke f'dawn it-tempji, fdalijiet ta' xogħol ta' fuħħar, statwi u tnaqqix u anke tpinġija malħajt ta' dawn it-tempji.

F'ħarġa oħra nitkellmu aktar dwar l-ewwel nies li għixu f'Malta, bħal Feniċi, Kartaġiniżi, ir-Rumani u oħrajn.

Nispera li dan it-tagħrif iqanqal fikom aktar interess li tkunu tafu aktar dwar l-istorja sabiħa ta' pajjiżna, tfal.

Niltaqgħu f'ħarġa oħra.

**A.C.D.**

---

## IL-BIŻA' MILL-PULIZIJA

Tfal, kienet u sa ċertu punt għadha, id-drawwa ħażina ta' ħafna mill-Maltin li meta t-tfal tagħhom jagħmlu xi ħaġa ħażina u/jew ma jkunux qegħdin jobdu lill-ġenituri tagħhom jew joqgħodu mqarbin, ibeżżgħuhom bil-Pulizija. Tisma' u tara ħafna li jkollhom tfal magħhom, li meta jkun riesaq xi Pulizija tismagħhom jgħidulhom "Hawn arah, ġej għalik" u lill-Pulizija "Ejja ħudu miegħek".

Din id-drawwa misħuta hemm bżonn li tinqata' darba għal dejjem minn fostna. Dawn huma affarijiet li ma jsirux barra. Anzi barra minn Malta, il-kbar jgħallmu lit-tfal illi l-Pulizija huwa l-akbar ħabib. U għaliex dan mhux hekk? Il-Pulizija, speċjalment f'Malta nħabbtu wiċċna miegħu sa minn meta nitwieldu u matul kull fażi tal-ħajja tagħna ftit hemm okkażjonijiet li fihom il-Pulizija ma jkunx ta' għajnuna għalina.

Għalhekk tfal, għarfu ħobbu lill-Pulizija u ersqu lejh f'kull bżonn li jista' jkollkom. Dak qiegħed hemm biex jgħinkom.

Illum saret ħaġa komuni illi jiġu organizzati żjarat fid-Depot tal-Pulizija u Dipartimenti oħra tal-Pulizija għal tfal ta' l-iskola. B'dawn iż-żjarat it-tfal qed jitgħallmu japprezzaw ix-xogħol siewi li jagħmel il-Pulizija.

Fir-ritratt, miġbud snin ilu, tidher Pulizija Mara qed tgħin lit-tfal ta' l-iskola jaqsmu t-Triq, fil-Furjana waqt li wara jidher Pulizija qed iżomm it-traffiku biex it-tfal ikunu jistgħu jaqsmu mingħajr periklu. Din turi waħda biss minn ħafna mumenti oħra li l-Pulizija jista' jkun ta' għajnuna għalihom.





TETLEY TEA
IMPROVED IN FLAVOUR
To make each cup of tea taste better... stronger
Tetley teabags contain a selection of the world's finest teas blended together to give quick release of true full flavour. The guarantee of a good strong cup of tea.
Each Tetley teabag gives you 2 to 3 cups of better stronger tea.
Enjoy the improved fresh flavour of Tetley Tea bags every time.
TRADE ENQUIRIES: CHARLES DARMANIN & CO. LTD. TEL: 624310




The Electric Pen
SCM SMITH-CORONA
For the price, you just can't get a more advanced Electric Pen. With a full-sized electric carriage and clean, clear print that conveys your individu-ality. It works like magic.
Full colour too, the three second cartridge pop-in ribbons come in five colours plus a corrector car-tridge that covers mistakes in seconds.
Coronamatic
This magnificent writ-ing machine has a uni-que pop-in Cartridge with Carbon Film for executive letters and for typing which must be copied, duplicated or printed; Black Nylon for routine work; Red, Blue, Green and Brown plus a Corrector Cartri-dge that removes mi-stakes in seconds.
The Enterprise £M135
Sole Agents & Distributors
V.J. Salomone [Equipment] Ltd.
138c St. Christopher Street, Valletta. Tel: 21094




IT-TEAM taghna temm l-impenji tieghu fi Grupp C ta' l-ewwel fazi tal-Kompetizzjoni Football ghal Kulhadd, billi, nhar l-Erbgha, l-14 ta' Marzu 1979, fil-ground tal-Furjana, gheleb lit-team tal-Mid-Med Bank, bl-iskor ta' 4-0. Il-goals gew skurjati minn C. Grech, L. Mallia u tnejn minn Patrick Spiteri li f'din il-loghba kien qed jaghmel id-debutt tieghu flimkien ma' player gdid iehor Vincent Bartolo.

B'din ir-rebha, it-team taghna, li diga' kien ikkwalifika ghat-tieni fazi tal-Kompetizzjoni, rebah ukoll Grupp C, b'disa' punti minn hames loghbiet. Irbahna 4 loghbiet, gejna draw darba u ma tlifna xejn. It-team skorja 11-il goal u ma' sofra l-ebda goal. Dawn id-dettalji juru konsistenza mit-team taghna li minkejja l-hafna problemi li kellu matul din l-ewwel fazi tal-kompetizzjoni kien kapaci jonora l-loghbiet kollha minghajr ma sofra telfa. Ta' min isemmi ż-żmien twil li kellna ta' xoghol kontinwu kawżat mill-istrike tal-karozzi tal-linja kif ukoll il-gimghat ta' tahrig tal-Parata ghac-celebrazzjonijiet tal-31 ta' MARZU 1979. Anke f'dawn iż-żminijiet imsemmija, il-players taghna kellhom jonoraw xi loghbiet mill-hin taghhom tal-mistrieh, naturalment minghajr ebda training. Li kienu kapaci wkoll jirbhu dawn il-loghbiet juri l-hegga li l-players taghna ghandhom biex nohorgu ta' rgiel f'din il-kompetizzjoni prestiggjuża.

Ghall-informazzjoni tal-qarrejja taghna, qed nirriproduci hawn taht il-klassifika finali tal-Grupp taghna.

It-tieni fazi ta' dan il-kompetizzjoni ghandha tibda wara l-31 ta' Marzu 1979, meta s-sittax-il team li ghaddew mill-ewwel fazi jigu mqassma f'erbgha gruppi ta' erbgha teams 'il wiehed u l-ewwel tnejn li jigu f'kull grupp jikkontestaw il-Quarter Finals. Huwa ttamat li kmieni f'April, meta huwa mistenni li x-xoghol taghna jigi ghan-normal, isir il preparament mehtieg biex il-players taghna jigu preparati kif ghandu jkun ghall-impenji aktar iebsa li huma mistennija fit-tieni fazi tal-Kompetizzjoni.

**BASKETBALL**

Nhar il-Hadd, 11 ta' Marzu, 1979, it-team taghna tal-Basketball kellu loghba ohra fil Promotion League, gewwa Ta' Qali, kontra t-team tal-Valletta Rare B.C. It-team taghna hareg rebbieh bl-iskor ta' 74—20 biex żamm il-pass mal-Bluebell fl-ewwel żewg postijiet tal-klassifika. Jidher li t-team taghna ghandu jsieheb lil dak tal-Bluebell biex sena ohra jirbah id-dritt li jikkompeti fit-Tielet Diviżjoni tal-league Nazzjonali tal-Basketball.

Bhal fil-każ tal-Football, dan huwa sodisfazzjon iehor ghal membri taghna li minkejja d-diffikultajiet li jsibu, jaghmlu kull sagrificcju biex dak li dhalna ghalih, inkompluh u mmorru tajjeb biżżejjed biex niggustifikaw il-partecipazzjoni

**Tkompli P20**



MARTIN DEBONO TONY GRECH

# Profil

IL-PROFIL ta' dan ix-xahar huwa riservat ghaż-żewg goalkeepers tat-team taghna li huma TONY GRECH u MARTIN DEBONO. Ghalkemm dawn ma humiex membri tal-Korp, iżda skrivani fit-taqsima tal-Licenzji fil-Headquarters taghna, huma jistghu jiffurmaw parti mit-team taghna ghaliex dan jikkompeti bhala POLICE DEPT. u ghalhekk TONY u MARTIN huma eligibbli li jiffurmaw parti mit-team taghna. Pero', ghalkemm m'humiex Pulizija, Tony u Martin huma parti ntegrali mit-team u ftit nies jindunaw li fil-fatt dawn m'humiex membri tal-Korp, minhabba l-armonija li teżisti bejnhom u l-players l-ohra membri tal-Korp. TONY Grech, li huwa l-goalkeeper regolari tat-team tal-MOSTA laghab maghna anke s-sena l-ohra u huwa goalkeeper ferm konsistenti. Ghal MARTIN, dan huwa l-ewwel stagun maghna u huwa wkoll kien ferm konsistenti fil-loghbiet li laghab s'issa mat-team taghna. Martin huwa r-reserve goalkeeper tal-FLORIANA.

Il-Profil ta' dawn iż-żewg players qed jidher f'mument ferm floku ghaliex qed nikteb proprju meta t-team taghna temm l-impenji tieghu ta' l-ewwel fazi tal-Kompetizzjoni Football ghal Kulhadd. Mertu kbir ta' TONY u MARTIN huwa l-fatt li t-team taghna ghadu ma qala' l-ebda goal sa issa meta laghab hames loghbiet. Dan jawgura tajjeb ghat-tieni fazi tal-kompetizzjoni fejn quddiem dawn iż-żewg goalkeepers tajba ghandna "defence" ukoll tajjeb.

Tony u Martin jiffurmaw ukoll parti mit-team tal-Licenzji li qed jiehu sehem fis-Seven-a-Side League organizzat fost l-Impjegati tal-Gvern fil-Pitch tal-Audit Dept. u li s-sena l-ohra, it-team taghhom rebah il-kampjonat.

F'ismi u f'isem il-players u d-dirigenti tat-team tal-Pulizija nixtieq lil dawn iż-żewg hbieb taghna aktar success fil-futur, kemm mat-team taghna kif ukoll mat-teams tal-Mosta u l-Furjana.

## KLASSIFIKA FINALI TA' GRUPP "C"

| | L. | R. | D. | T. | F. | K. | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PULIZIJA | 5 | 4 | 1 | 0 | 11 | 0 | 9 |
| Spinng & Weaving | 5 | 2 | 3 | 0 | 8 | 3 | 7 |
| Engineer Instrumonts | 5 | 2 | 2 | 1 | 5 | 4 | 6 |
| EMWD Kirkop | 5 | 1 | 3 | 1 | 8 | 10 | 5 |
| Mid-Med Bank | 5 | 1 | 0 | 3 | 8 | 12 | 2 |
| Knightshall (PWD) | 5 | 0 | 1 | 4 | 3 | 14 | 1 |

tagħna. Kieku jkollna aktar faċilitajiet u ċans ta' taħriġ regulari, żgur li nagħmlu aktar progress, għaliex fil-korp għandna talent kbir f'kull qasam ta' l-Isports, kemm ta' barra kif ukoll ta' ġewwa.

Forsi xi darba għad isseħħ il-ħolma tiegħi u ta' ħafna dilettanti li jkollna Gymnasium fejn il-membri tagħna jkollhom post adattat fejn jitħarrġu mhux biss biex jipprattikaw l-isport li jħobbu, iżda wkoll biex iżommu ruħhom "fit". U dan barra li jgħin lilhom fil-prattika ta' l-isports, jagħti lil Korp membri aktar b'saħħithom u jkun l-istess Korp li jiggwadanja.

### SPORT TA' ĠEWWA

GHALKEMM fil-Canteen ġie provdut apparat għal diversi sport ta' ġewwa bħal Billiards/Snooker, Chess, Draughts, Darts u logħob ieħor, u diversi membri qed jagħmlu użu minn dawn il-faċilitajiet fil-ħin talmistrieħ tagħhom, kien biss fis-Snooker li deher interess li tinbeda xi kompetizzjoni.

Għalkemm kien mixtieq li l-kompetizzjoni tas-Snooker tkun fuq bażi ferm akbar u li kull min huwa dilettant tal-logħba jidħol, kellna nibdew b'kompetizzjoni żgħira li fiha qed jikkompetu 32 player. Dawn ġejjin mill-Belt, Furjana, CID, HQ, Traffic, Mobile u oħrajn. Hija mistennija kompetizzjoni interessanti li għandha tħajjar aktar membri li jidħlu fil-kompetizzjonijiet li għad isiru. Il-polza ta' l-ewwel round hija din:—

PS 1190 Lia vs PC 105 Pace; PC 1076 Debattista vs PC 709 Zammit; PC 1341 Grech vs PS 16 Pirotta; PC 1213 Spiteri vs PC 960 Xerri; PC 719 Portelli vs PC 643 A. Zammit; PC 330 Mizzi vs PC 1015 Debono; PC 374 Fabri vs PC 130 St. John; PC 480 Zahra vs PC 208 Mintoff; PC 1387 Arnaud vs PC 1031 Caruana; PC 1237 E. Pisani vs PC 1401 J. Pisani; PC 215 Schembri vs Inspr. Debattista; PS 1005 Buttigieg vs PS 1215 Borg; PC 1226 Debono vs PC 223 Zarb; PC 982 Vella vs PC 93 Sammut; PC 1093 Xuereb vs PC 259 Bugeja; PC 271 Sciortino vs PC 281 Micallef.

F'ħarġa oħra nagħtikom irriżultati ta' dan ir-round u l-poloz tat-tieni round.

Nittama wkoll li sa dakinhar tkun imbdiet xi kompetizzjoni oħra, fi sport ieħor li ma jitlobx wisq sforz, bħal dawk li semmejt fuq.

## APPREZZAMENT

Mrs Rita Caruana,
6, St Filex Lane,
Herba Street, Żejtun.

Sur Editur,

Nixtieq, permezz ta' dan il-magażin, nirringrazzja l-Pulizija taż-Żejtun b'mod speċjali lis-Surgent 1003 Galea għall-għajnuna li tawni f'żewġ okkażjonijiet. Darba minnhom dan is-Surgent wassalni f'nofs ta' lejl għand it-tabib u darb'oħra l-istess Surgent wassalni l-isptar meta ibni ta' tlett xhur kien fi stat ħażin. Illum nista' ngħid li ħajjiet ibni nafa lil dan is-Surġent.

RITA CARUANA.

---

Minn dawn il-kolonni nixtieq inwassal ir-ringrazzjament ta' l-isportivi li jiffurmaw l-iskwadri tal-Football u tal-Basketball, lis-Sur Sant Manduca (Aġent tat-Teachers Whisky), lis-Sur Martin Camilleri u Messrs Muscat General Stores, għad-donazzjonijiet li għamlulna.

Ġesti bħal dawn huma ferm apprezzati u jkomplu jgħ'nu lil min jorganizza attivitajiet sportivi.

Mill-ġdid nirringrazzjawhom.

---

## Mil-imgħoddi

☐ Meta kien qed jitħejja dan il-magażin l-karozza tal-Kummissarju tal-Pulizija kienet involuta f'inċident tat-traffiku u dan fakkarni biex noħroġ irritratt li qed jidher illum.

Din il-karozza bil-famuż numru 300 kienet l-karozza tal-Kummissarju Bamford fl-1919. Hdejn il-karozza jidher is-Surgent C. Bone li kien ixxufier u l-orderly ta' Bamford. Għal min ma jafx il-karozza tal-Kummissarju tal-Pulizija baqgħet bin-numru 300 għad li dan l-aħħar il-Kummissarju preżenti kellu karozza oħra barra t-300.

